

Brussell, 26 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

9668/26

STATIS 46  
TRANS 339  
COMPET 620

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 238 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-eżerċitar tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta l-atti delegati skont ir-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 238 final.

Mehmuż: COM(2026) 238 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 21.5.2026  
COM(2026) 238 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar l-eżerċitar tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta l-atti delegati skont ir-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq**

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

**dwar l-eżerċitar tas-setgħa mogħtija lill-Kummissjoni li tadotta l-atti delegati skont ir-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq**

## 1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 3(4) tar-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup> jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex meta meħtieġ tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dak ir-Regolament ħalli:

- taġġorna l-Parti 1 tal-Anness I, unikament sabiex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, ħlief kwalunkwe modifika fin-natura fakultattiva tal-informazzjoni meħtieġa;
- tadatta l-Annessi II sa VII sabiex jitqiesu l-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi.

Skont l-Artikolu 3(4) tal-istess Regolament, meta teżerċita dik is-setgħa, il-Kummissjoni trid tiżgura li l-ebda att delegat li tadotta ma jimponi piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew ir-rispondenti.

## 2. BAŻI LEGALI

Skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 70/2012, is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(4) ta' dak ir-Regolament tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin mit-23 ta' Frar 2012. Id-delega tas-setgħa trid tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' 5 snin, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux din l-estensjoni.

Il-Kummissjoni trid tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel tmiem il-perjodu ta' 5 snin.

Il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapporti preċedenti fl-2016<sup>(2)</sup> u fl-2021<sup>(3)</sup>. Id-delega tas-setgħa ġiet estiża awtomatikament għal 5 snin oħra minn Frar 2017 għal Frar 2022, imbagħad, wara

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq (ĠU L 32, 3.2.2012, p. 1; ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/70/oj>).

<sup>2</sup> Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati li l-Kummissjoni nġhatat skont ir-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq (COM(2016) 562 final, 12.9.2016; <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52016DC0562>).

<sup>3</sup> Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati li l-Kummissjoni nġhatat skont ir-Regolament (UE) Nru 70/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2012 dwar prospetti tal-istatistika rigward it-trasport ta' merkanzija bit-triq (COM(2021) 176 final, 14.4.2021; <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52021DC0176>).

t-tieni rapport, għal 5 snin oħra minn Frar 2022 għal Frar 2027 peress li la l-Parlament u lanqas il-Kunsill ma rrevokawha skont l-Artikolu 8(3).

Dan hu t-tielet rapport tal-Kummissjoni dwar l-eżerċitar tas-setgħa tagħha li tadotta atti delegati.

### 3. EŻERĊITAR TAD-DELEGA

Il-Kummissjoni għadha ma eżerċitatx is-setgħa li tadotta atti delegati mogħti lilha permezz tar-Regolament (UE) Nru 70/2012.

Il-Kummissjoni ddiskutiet regolarment mal-Istati Membri rigward it-titjib possibbli fl-istatistika dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq, fil-kuntest tal-iżviluppi tekniċi u r-rekwiżiti ekonomiċi, ambjentali u soċjetali l-ġodda. Il-Kummissjoni, flimkien mal-Grupp ta' esperti rigward l-istatistika dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq u l-Grupp ta' koordinazzjoni għall-istatistika dwar it-trasport, iqisu t-titjib fl-istatistika dwar it-trasport tal-merkanzija bit-triq, filwaqt li jqisu l-kostijiet u l-piżijiet potenzjali fuq il-pajjiżi u r-rispondenti.

L-istatistika meħtieġa għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti(il-miri għall-2020-2050) <sup>(4)</sup> u għall-appoġġ tal-azzjonijiet li jikkomplementaw din l-istrateġija emblematika, bħad-Direttiva dwar is-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti (ITS)<sup>(5)</sup>, il-politika tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T)<sup>(6)</sup> u r-Regolament dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (eFTI)<sup>(7)</sup>. Tali azzjonijiet jaf jirrikjedu l-Kummissjoni li tadotta atti delegati li jadattaw l-Annessi msemmija hawn fuq tar-Regolament (UE) Nru 70/2012 għall-iżviluppi ekonomiċi u tekniċi, sabiex jiġi żgurat il-monitoraġġ effiċjenti tal-miri u x-xejriet politiċi.

---

<sup>4</sup> COM(2020) 789 final, 9.12.2020;

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020DC0789>.

<sup>5</sup> Id-Direttiva (UE) 2023/2661 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 li temenda d-Direttiva 2010/40/UE dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L, 2023/2661, 30.11.2023, ELI: ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2661/oj>).

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1153 u (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013, ĠU L, 2024/1679, 28.6.2024; ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1679/oj>).

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (ĠU L 249, 31.7.2020, p. 33; ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/1056/oj>).